



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13119/23

LIMITE

CORLX 875
CFSP/PESC 1262
CSDP/PSDC 651
CSC 451
COEST 513
CIVCOM 229
EUM ARMENIA 9

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-r-Repubblika tal-Armenja dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-r-Repubblika tal-Armenja
dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,
flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-
Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Jannar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/162¹ li tistabilixxi missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA).
- (2) Fl-20 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/386² li tniedi l-EUMA.
- (3) Fit-28 ta' Marzu 2023, il-Kunsill awtorizza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Armenja bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tal-EUMA.
- (4) Ġie nnegożjat ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Armenja abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fit-28 ta' Marzu 2023.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Armenja dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) jiġi approvat f' isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/162 tat-23 ta' Jannar 2023 dwar missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (ĠU L 22, 24.1.2023, p. 29)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/386 tal-20 ta' Frar 2023 li tniedi l-missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/162 (OJ L 53, 21.2.2023, p. 17)

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (il-‘Ftehim’) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 19(2) tal-Ftehim².

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal- ĠU għall-Ftehim li jinsab fid-dokument ST13121/23].

⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST13121/23.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

